# GHANJIET FUQ L-ASSEDJU L-KBIR FIL-BULGARJA

Dr Carmel Mallia, D.Litt, ND, BA Hons(Lond),
Lic. Esperanto, DFH & HC(Paris)

Fis-sajf tas-sena 1983, il-Kungress Universali ta' l-Esperanto kien sar f'Budapest, Ungerija. Jien ħadt sehem ma' 4834 Esperantisti oħra mid-dinja kollha, għalkemm kien hemm Esperantisti oħra Maltin li ħadu sehem.

Imma jien qabel il-kungress għaddejt Sofia, Bulgarja, u ltqajt mal-ħabib tiegħi Asen Josifov, eks-għalliem u poeta bl-Esperanto. Fil-fatt jien u hu konna ġa għaddejna xi snin nibagħtu 'l xulxin għadd ta' Akrostiċi bl-Esperanto, jiġifieri poeżiji fejn kull vers jibda b'ittra tat-titlu.

Dan l-Esperantista kien għamilli pjaċir billi, wara li kien semmieli hu stess li fil-Bulgarja għadhom ikantaw għanjiet fuq il-qlubija tal- Maltin fl-Assedju l-Kbir (1565) kontra t-Torok, kien għadda ħafna żmien jaqlibli għall-Esperanto wħud minn dawn l-għanjiet, li jien imbagħad qlibt għall-Malti u li qed nippubblika hawn taħt għall-ewwel darba.

L-ewwel ittra li kitibli dwar dan kien fit-3 ta' Marzu 1983 fejn kien bagħatli l-għanjiet bl-Esperanto u xi noti. U mbagħad kien reġa' bagħatli xi noti oħra fl-14 t'Ottubru ta' l-istess sena.

Issa, nitkellmu ftit fuq l-għanjiet innifishom. Fl-oriġinal, kważi l-għanjiet kollha huma mfassla fuq il-vers tat-tmienja, mibni b'aċċenti ta' l-hekk imsejħa, dattilu, trokew u amfibraku, jew:

/ — ∪ ∪ / — ∪ / ∪ — ∪ /

Fid-dattilu, għandna vokali twila jew aċċentwata u żewġ vokali qosra jew bla aċċent. Fit-trokew, insibu sillaba aċċentwata bejn tnejn li m'humiex. Issa, jekk inqabblu dan mal-metrika Maltija naraw li dawn flimkien jinbnew fuq il-versi tal-ħamsa u tat-tlieta

fil-poeżija Maltija. Infatti, f'tal-ħamsa, l-aċċent ewlieni jaqa' fuq ir-raba' u ieħor fuq l-ewwel jew fuq it-tieni sillaba. Fil-vers tat-tlieta, għandna aċċent ritmiku waħdieni fuq it-tieni sillaba. Ħalli nagħti żewġ eżempji meħuda minn-Metrika Maltija ta' Karmenu Vassallo.

Versi tal-ħamsa: "Għolja xemxija / tħaddar bid-dwieli," fejn l-aċċenti huma:



Versi tat-tlieta: "Bla bidu / bla tmiem," fejn l-aċċenti huma:



L-ewwel silta hi meħuda minn *Qalbieni,* fil-waqt li t-tieni waħda minn *Int Alla Ħanin*, it-tnejn ta' Dun Karm.

Fit-traduzzjoni tiegħi, jien użajt il-vers tat-tmienja, jiġifieri l-vers b'żewġ aċċenti ritmiċi: l-ewlieni jaqa' fuq it-tielet sillaba, u l-ieħor fuq is-seba': Eżempju: "Int sabiħa, Malta tagħna", fejn l-aċċenti huma:



Fil-fatt, ukoll fit-traduzzjoni bl-Esperanto, Asen innifsu tbiegħed mill-metrika oriġinali u uża dik tat-tmienja li, b'differenzi żgħar, taqbel mal-metrika Maltija.

Issa ser inġib tmien versi mill-oriġinal li bagħatli Asen innifsu biex wieħed jara kif inhuma aċċentwati:

**Devojka zastistava Malta**

(*Tfajla tiddefendi 'l Malta*)

Sjujuljo, / Sjulju, / Sjulmane,
vsekade / sam ta / provadal,
vsekade / ma si / oslusal,
vsekade / mi si / razvorsil.

Hawn ta' min isemmi li f'dal-kant popolari Bulgaru, ir-rima kważi ma teżistix. Ta' min isemmi wkoll li l-għanja ta' Capelare, rekordjata fl-1943, titkanta minn Bajrjamka Karakusova.

Dak iż-żmien li kitibli Asen, jiġifieri fl-1983, xi reġjuni fejn jgħannu l-Assedju ta' Malta kienu taħt ir-Rumanija (Dobrug tat-Tramuntana), jew fit-Turkija Ewropea u fil-Greċja (fl-Eġew).

Il-varjanti "Malta f'Nofs ta' Baħar" hi rekordjata f'Bessarabja (dak iż-żmien ir-Repubblika Soċjalista Sovjetika tal-Moldavja), fejn kienet tgħix minoranza Bulgara. F'xi varjanti, il-kelma *Malta* hi miktuba *Malda.* Hawn ukoll, Sulejman hu msejjaħ: Sjulju u Sjulman. F'imkejjen oħra, insibuh bħala "Sulju u Sjuljuman.

Il-kelma *kurunel* fl-oriġinal hi *binbaxi* (kmandant ta' mitt suldat). Imma min kien jikkmanda lil Sulo ma kienx kurunel (binbaxi), imma għallinqas ġeneral (Paxa) jew Viżir.

Fl-oriġinal ukoll wieħed jiltaqa' ma' espressjonijiet u kliem Tork. Xi għanjiet huma miktuba bid-djalett ta' Rodopo li, ukoll għall-Bulgari, hu xi ftit tqil biex tifhmu u għalhekk tittraduċih. Biss, Asen stqarrli li t-traduzzjoni tiegħu bl-Esperanto tersaq ħafna lejn l-oriġinal Bulgaru.

Hawn jidhru żewġ kopji tal-mużika (Fig.1 u 2) bil-kliem bl-Esperanto kif qassmu Asen. Waħda hi *Malta f'Nofs ta' Baħar* minn Bolgrad, u oħra *Sule, Sule, Sulejman* mir-raħal ta' Bojkovo.

Fig. 1

# Malto mezmaro (El Bolgrad, Besarabio, USSR-Sovetio)

Bulgara historia popolkanto.




Reĝo al Sulmano diris:
— Sulmano, granda paŝao,
Kiun ajn mi vin sendadis,
Ĉiam vi taskojn plenumis;

al Malto mi vin elsendos.
por realigi farendon;
por realigi farendon. —
Malton urbeton konkeri —

Bulgario, Sofio, 7.3.1983

Esperantigis el la bulgara: Asen Josifov. (Entute 17 versoj).

Fig. 2

# Sulo ja, Sulo, Suluman. (El v. Bojkovo)

Bulgara historia ĉemangotabla popolkanto el centra Rodopo-montaro, Bulgario.




Sulo ja, Sulo, ~~Suluman~~ Suluman,
Kien ajn mi vin sendadis,
~~vi por mi bone laboris,~~
~~ĉie ja nia fariĝis;~~

~~denove mi vin elsendos~~
al Malto, granda vilaĝo,
ankaŭ Malton vi konkeros,
~~ankaŭ Malto nia fariĝu.~~

(Entute 58 versoj).

Bulgario, Sofio, 10.3.1983.

Esperantigis el l' bulgara: Asen Josifov.

## REFERENZI

CARMEL MALLIA: The Great Siege in Bulgarian popular songs, *The Times*, Tue. 20 Sept. 1983.

KARMENU VASSALLO: Il-Metrika Maltija; it-Tielet ediz., 1949,p.18.

## TFAJLA TIDDEFENDI 'L MALTA

(Kant popolari-storiku Bulgaru minn Cepelare, Rodopo)

"Sulo, Sulo, int Sulman,
kulfejn bgħattek biex tiġġieled
qdejtni u kollox tagħna sar
minn fil-għodu sa fl-għaxija,
għoljiet u għelieqi u bliet.
Issa, jekk int ser tobdini,
Malta tagħna ssir fiż-żgur.
Lesti ruħek, lesti ruħek,
għax lejn Malta ser nibgħatek
biex tirbaħha, biex tkun tagħna."

"Sinjur tiegħi, Kurunel,
bgħattni kullimkien niġġieled.
Inti taf, jien dejjem qdejtek.
Imma hawn la tibgħatnix.
Wisq 'il bogħod qiegħda din Malta
u mitlufa f'nofs ta' baħar.
S'hemm għajnejja ma jwasslux,
ebda żiemel s'hemm ma jasal,
l-anqas jirnexxili nirkbu.
Mhux il-post li twassal xabla,
u kanun ma jilħaqhiex."

Sule tiegħi, obdi, itlaq,
u irbaħli lil din Malta,
sakemm fl-aħħar tagħna tkun.
Tgħidli xejn; jien ġa lestejtlek
mat-300 qlugħ jistennew,
u bl-aħjar suldati fihom."

U fis Sulo qam u telaq
b'elf suldat. Żgħażagħ kburin,
sakemm maġenb Malta wasal.
U bit-tromba beda jgħarrex.
Ra 'l kulħadd jitbaħrad, jiżfen;
kienet tmexxi bint ir-re.
Din kif rat il-qlugħ, iż-żifna
temmet, wasslet din il-bxara
lis-sultan u mdejqa qaltlu:

"Sultan tiegħi u missieri,
qum u ħares; roqgħa sewda
fuq il-baħar; ħafna qlugħ.
'Tini t-tromba ħalli nara,
ħalli nagħraf x'hemm preċiż."

"Komplu iżfnu, tfajliet, iżfnu;
dawn m'humiex ħlief patrijiet
sejrin żgur pellegrinaġġ."

Bintu baqgħet tħares siekta
minn ġot-tromba, u qaltlu fis:
"Le, missier, ħażin qed taħseb:
waqqfu ż-żfin! Mhux patrijiet!

Sulo, dak, bin is-sultan,
b'elf suldat imdawwar ġej,
liebsa lkoll ta' patrijiet.
Jien ġa ħlomt li ġie dan Sulo,
u mhux biss għannaqni miegħu
imma tani l-emmna tiegħu
u għamilni torka bħalu."

"Kompli iżfen, binti, kompli.
Dak ġa ġie darb'oħra hawnhekk.
Lura bgħattu kif jixraqlu.
Taħsibx issa ser nerħilu."

"Mur, missier, u lesti ż-żiemel,
sinn ix-xabla; ilkoll niqfulu!"

Il-missier iż-żiemel lesta,
sinn ix-xabla għat-taqbida.
Hi ukoll iż-żiemel rikbet,
bdiet tispara 'l hemm u 'l hawn,
bdiet ixxejjer dik ix-xabla
sakemm qatlet kull suldat.
Sulo biss kien għadu ħaj
u jistaħba wara żiemel
jitlob ħniena lil dit-tfajla:
"Tfajla ħelwa, la tmissnix,
ħalli mmur u nirrakkonta
l-eroiżmu tiegħek kbir."
Imma t-tfajla ma semgħtu:
xejret waħda x-xabla taħraq
għal fuq idu x-xellugija.

Qatgħathielu barra; wara,
għajnu l-leminija qalgħet.
Hekk bagħtitu lura 'l Sulo,
biex jgħidilhom x'sab u x'ra
u x'għamlitlu tfajla erojka.

## SULE, SULE, SULEJMAN

(Kant popolari Bulgaru li jitkanta madwar il-mejda ta' l-ikel fl-għoljiet ċentrali Rodopo, fir-raħal Bojkovo).

"Sule, Sule, Sulejman,
kulfejn bgħattek, dejjem qdejtni,
dejjem kollox tagħna sar.
Issa wkoll sejjer nibagħtek
lejn dik Malta, raħal kbir;
u dik Malta wkoll irbaħli,
u dik Malta tagħna tkun."

"O Sultan, mexxej pajjiżna,
qed nitolbok, tibgħatnix.
Hemm Todora, suldat-mara,
bajdanija, taf tispapra."

"Sule, mur, mur u aqdini,
hemm nibagħtek, tgħidlix le
fil-jum hekk magħruf ta' l-Għid,
bi 300 suldat żagħżugħ
liebsa qishom patrijiet."

Sulejman sellem u ħareġ.
Meta wasal fejn mibgħut,
lill-Maltin sabhom qed jiżfnu,

u Todora tmexxi ż-żfin.
Hawn Todora, kif lemħithom,
dlonk hi qalet lil missierha:
"O missier għażiż, hemm x'riesaq?"

U missierha wieġeb dlonk:
"Kompli iżfen, binti, kompli,
dawka kollha patrijiet
ġejjin għal ta' l-Għid il-festa."

Hawn Todora reġgħet tkellmet:
"'Tini t-tromba biex nagħrafhom."
Hekk kif rathom qaltlu mgħaġġla:
"O missier għażiż, x'int tgħid?
Dak Sul, Sule, Sulejman
bi 300 suldat żagħżugħ,
'ma lebsin ta' patrijiet.
Fis armaw iż-żwiemel tagħkom
ħalli mmorru nattakkaw
u nixħtuhom kollha 'l barra."

Il-missier iż-żiemel rama;
u hi telqet biex tiġġieled.
Trid taraha issa 'l hawn
issa 'l hemm tidrob u toqtol;
qerdet lis-suldati kollha,
sakemm baqa' biss Sulman
li taħt żiemel dlonk inħeba.
B'ħerqa talab lil Todora:
"O Todora, fis eħlisni,
biex immur u nirrakkonta
dak li ġara hawn madwari."

M'obditux: qatgħatlu ħesrem
idu x-xellugija, u għajnu
l-leminija wkoll qalgħatlu.

Hawn ħelsitu, dlonk bagħtitu
biex imur jgħid x'kien ra hemm,
x'ħass u x'ġarrab f'dik il-ġlieda.

''''''''''''

## SULE, SULE, SULEJMAN.

(Kant popolari-storiku minn Rupcos, fiċ-ċentru ta' l-għoljiet oċċidentali ta' Rodopo).

Sule, Sule, Sulejman,
s'issa bgħattek kullimkien,
dejjem qdejtni; għal darb'oħra
se nibagħtek biex tirbaħli
lill-belt Malta, għalkemm ċkejkna,
biex din Malta tisfa' tagħna."

"Sultan tagħna, ħakem għaqli,
tassew bgħattni kullimkien,
qatt le m'għidtlek, imma hawnhekk
tibgħatnix; f'nofs dak il-baħar;
hemm biż-żiemel ma naslux,
l-anqas nista' nuża x-xabla."

Sule, Sule, Sulejman,
ġa ħejjejtlek 300 qlugħ.
Toqgħodx taħseb, itlaq, mur."
Sulejman ma qagħadx jaħsibha.
Ħa armata tat-twerwir.

Kienu għadhom f'nofs ta' baħar,
f'dak il-jum għażiż ta' l-Għid.
Il-Maltin irħewlha jiżfnu,
u daż-żfin kienet qed tmexxi
tfajla żul minn hemm, Todorka.
Hekk kif rathom riesqa, kesħet.
"Ej, missier, newwilli t-tromba,
għax bit-tromba nara sew,
sew x'inhuma dawk il-qlugħ."

U għarfithom dlonk Todorka:
Sulejman bl-armata tiegħu!
Dlonk Todorka reġgħet lura.
Il-kanuni bdiet tispara.
Għerqu t-300 qlugħ bl-armata
illi kellu Sulejman.

---

## MALTA F'NOFS TA' BAĦAR

(Kant popolari-storiku minn Bolgrad, Bessarabja fil-Moldavja)

Ir-re qal lil Sulejman:
"Sulejman, Paxa qalbieni,
meta jiena x'imkien bgħattek,
dejjem qdejtni mill-aħjar;
issa ser nibagħtek Malta
fuq xogħol ġdid li għandu jsir.
Dil-belt żgħira msejħa Malta,
irbaħhieli, irbaħhieli."

Sulman wieġeb lir-re tiegħu:
"O re tiegħi mimli għomor,
ma nistax hemmhekk immur,
ma nistax lil Malta nirbaħ:
Malta qiegħda f'nofs ta' baħar,
hi fortizza għolja għolja,
in-nar żgur ma jeqridhiex,
ebda balla ma tilħaqha,
ma jeqridha ebda kanun.

## SULEJMAN F'MALTA

(Kant popolari-storiku mid-distrett Gabrovo, Bulgarja)

Ir-re lil Sulejman kellem:
"Sulejman, jew Paxa, xorta,
meta bgħattek biex taqdini,
dejjem qdejtni kif ridt jien;
issa wkoll nerġa' nibagħtek,
din id-darba lejn belt kbira:
Malta! Irridek tirbaħhieli!
Għaliex? Għax ifaħħruhieli,
Malta hi tassew sabiħa,
hi mill-isbaħ, fuq il-baħar,
u bil-baħar Malta mdawra,
fuq il-baħar kollha siġar."

Sulejman ma qagħadx ilaqlaq:
"O kbir re, O re setgħani,
bħala re b'kull dritt tibgħatni
minn ġol-Lvant għal ġol-Punent.
Biss la tibgħatnix, nitolbok,
f'dik il-belt hekk kbira, Malta,
għax fuq l-ilmijiet mibnija,
bi triqatha kollha dojoq,
b'dawk in-nisa ħfief, ġellieda.
Tistenniex li se niġġieled
kontra nisa ta' dix-xorta;
żiemel lanqas nista' nirkeb,

lanqas nuża x-ximitarra,
u bilkemm ix-xabla nġorr."

Reġa' r-re lil Sulejman:
"Tibża' xejn, se nibgħat miegħek
bejn qlugħ u iġfna xi 300,
u xi 500 qalbiena,
u elf Tork iswed mill-Asja."

Sulejman ħareġ 'il barra.
Wasal Malta f'Jum mill-kbar,
Jum mill-kbar, kien l-Għid il-Kbir.
F'Malta kienu qegħdin jiżfnu,
u Todorka, xbejba rżina,
kienet tmexxi dan iż-żfin.

Kif lemħitu ġej, Todorka
telqet tiġri lejn missierha
u tarrfitlu dan li ġej:
"Hemm int, pa, tiekol u tixrob;
idawruk id-disa' wliedek
imgħannqin man-nisa tagħhom.
Taf bħalissa x'qiegħed jiġri?

Taf li wasal Sulejman
bi 300 ġifen bil-qlugħ,
u xi 500 qalbiena,
u elf Tork iswed mill-Asja
biex jaħtfulna 'l Malta tagħna?"

Lil Todorka qal missierha:
"O Todorka, sbejħa binti,
fik jien għandi t-tama tiegħi:
int żgur teħles lil gżiritna."

U Todorka kif semagħtu
marret tilbes l-isbaħ drapp,
biss ta' raġel dehret liebsa;
u armat ruħha sa snienha.
Sulejman kien it-tir tagħha.
Sulejman, hekk kif lemaħha,
mill-bogħod tbaxxa biex isellem;
sa riġlejha wkoll bisilha.
Fl-aħħar taha x-ximitarra.